MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2009

Appell Civili Numru. 913/2001/1

**Carmel Zammit (ID 692343 M) u Doris Attard Cassar (ID 540557 M).**

**vs.**

**Anthony Lia (ID 256146 M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tal-appell ta’ Carmel Zammit u Doris Attard Cassar datat 18 ta’ Dicembru 2008 a fol. 160 tal-process fejn esponew:-

Illi permezz ta' Avvizipprezentat fit-30 ta' Ottubru 2001 huma talbu li l-konvenut jigi kkundannat jizgombra mill-ghalqa msejha tal-Kappillan fil-limiti ta' Haz Zabbar, liema ghalqa qed jokkupa minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Ghali-fini ta' kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizju ta'

dan il-fond ma jeccedix is-somma ta' Lm500 fis-sena. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra bonarja debitament mibghuta kontra l-istess konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenut eccepixxa:

1. Illi hemm karenza ta' interess guridiku fl-atturi in kwantu huma m'humiex is-sidien tal-ghalqa mertu tal-kawza odjerna u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi l-pretenzjoni tal-atturi li huma s-sidien m'hijiex bazata fuq titolu originali. Fid-dawl tal-karenza ta' titolu originali abbinat mal-kontestazzjoni dwar il-pretenzjoni tad-dominju, l-atturi jridu qabel xejn jippruvaw l-estremi fit-termini tal-*actio rei vendicatoria* u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti m'hijiex kompetenti *rationae materiae stante* li tali materja hi ta' kompetenza tal-Prim Awla. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprasjedi sakemm l-*actio rei vendicatoria* tal-volta intavolata mill-atturi tkun definittivament deciza.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess din l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti *rationae materiae* kwantu l-konvenut qed jiddetjeni l-ghalqa *de quo* b'titolu validu skont il-ligi.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-konvenut qed jiddetjeni l-ghalqa *de quo* b'titolu validu fil-ligi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Illi permezz ta' sentenza preliminari moghtija fit-23 ta' Mejju 2005 fil-kawza fl-ismijiet premessi, gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet u gie ordnat li din il-kawza titkompla sabiex tigi deciza fil-mertu wara konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet l-ohra sottomessi mill-konvenut.

Illi permezz ta' sentenza tal-10 ta' Dicembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet premessi gie deciz illi l-konvenut jiddetjeni l-ghalqa in kwistjoni b'titolu ta' qbiela u

konsegwentement it-talbiet attrici gew michuda fil-mertu. Gie deciz ukoll li l-ispejjez jibqghu minghajr taxxa bejn l-istess partijiet.

Illi l-esponenti hassu ruhom aggravati b'din l-ahhar sentenza u ghalhekk qeghdin jinterponu I-prezenti appell.

<u>II-fatti fil-qosor</u> huma dawn.

1. Il-proprjeta' in kwistjoni kienet tappartjeni lil Lorenzo Vella li miet fis-7 ta' Ottubru 2000 u wirtuh l-appellanti odjerni. Wara li l-esponenti wirtu lil Lorenzo Vella, huma pprocedew biex ipprezentaw cedola ta' fidi tac-cens perpetwu li kien impost fuq il-proprjeta' u saru l-proprjetarji assoluti tal-istess u dan kif anke gie kkonfermat permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Lia tal-20 ta' April 2004.

2. Illi permezz ta' nota spjegattiva a fol 26 tal-process il-konvenut spjega illi referibbilment ghar-raba' eccezzjoni tieghu li qed jiddetjeni r-raba' in kwistjoni b'titolu ta' qbiela versu qbiela ta' Lm40 u zewg kaxxi patata u zewg kaxxi basal fis-sena.

3. Dan it-titolu huwa kontestat mill-appellanti odjerni.

4. Ghar-rigward tar-Registrazzjoni tar-Raba' mal-Ghammieri, sakemm kien ghadu haj I-imsemmi Lorenzo Vella, din kienet registrata fuqu u in segwitu giet registrata fuq l-attur Carmel Zammit.

<u>L-aggravju huwa car u manifest</u> u jikkonsisti f'dan li gej:

L-Ewwel Onorabbili Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi "iktar iva milli le" l-konvenut kien qed jidditjeni l-proprjeta` b'titolu ta' qbiela.

Illi *stante* illi huwa l-konvenut li qed iqajjem eccezzjoni dwar titolu tieghu, il-piz tal-prova tinkombi lilu.

Illi in sostenn tat-tezi tieghu, l-attur xehed illi huwa kien ihallas lil Lorenzo Vella (il-predecessur fit-titolu tal-

esponenti) Lm40 u l-kaxxi tal-prodott fuq imsemmija u li ma kien jinghata l-ebda ricevuta.

Illi meta xehed fil-11 ta' Novembru 2002 huwa xehed illi qablu kien jahdimha Wenzu Vella stess.

Illi in korroborazzjoni ta' dan li qal, huwa ipproduca bhala xhud lill-habib tieghu Grezzju Camilleri.

Illi l-esponenti jissottometti bir-rispett illi hemm inkonsistenzi fil-provi prodotti mill-konvenut u *inoltre*, mill-provi prodotti mil-atturi ghandu jirrizulta car illi qatt ma kien hemm titolu ta' qbiela dwar ir-raba' in kwistjoni.

i. Huwa rilevanti l-fatt illi qabel ma bdiet il-kawza, kien Alexander Lia, it-tifel tal-konvenut li qed jivvanta titolu ta' qbiela u dan permezz ta' cedola pprezentata fis-16 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Alexander Lia vs Carmel Zammit**. L-Ewwel Onorabbili Qorti qalet li dan ma kienx relevanti. Bir-rispett kollu dan l-punt huwa relevanti hafna billi jitfa' dubju serju fuq l-kredibilita tal-konvenut. Cedola ta' depotisu huwa dokument formali presentat il-Qorti u fiha hemm dikjarazzjoni espressa li Alexander Lia qed jivvanta titolu ta' qbiela.

ii. *Inoltre*, meta l-konvenut xehed fil-bidu nett tal-kawza, huwa qal illi qabel ma beda jahdem l-ghalqa in kwistjoni kien qed jahdimha Wenzu Vella izda kontra dan, fin-nota spjegattiva tieghu pprezentata a fol 26 tal-process huwa iddikjara illi fil-fatt, qabel ma beda jahdimha hu "kienet tinhadem minn nannu tal-konvenut Salvu Lia".

iii. Fl-ebda hin ma l-konvenut ta spjegazzjoni ghaliex ic-cedola ta' depozitu saret minn ibnu u mhux minnu stess u fil-fatt, kieku verament il-konvenut kellhu xi titolu ta' qbiela, wiehed kien jistenna illi wara l-mewt ta' Lorenzo Vella kien hu u mhux it-tifel tieghu li jaghmel cedola ta' depozitu u sahansitra sal-lum il-gurnata ma giet intavolata l-ebda cedola ohra.

iv. Illi fir-registrazzjoni tar-raba' mad-Dipartiment tal-Ghammieri, din ir-raba' kienet dejjem registrata fuq

Lorenzo Vella u mhux fuq il-konvenut jew ibnu u wara l-mewt ta' Lorenzo Vella giet registrata fuq Carmel Zammit.

v. Il-Qorti fil-Prim’Istanza ghamlet enfasi fuq l-fatt illi meta Lorenzo Vella kien qieghed l-isptar, l-attur Zammit kien gabar xi karti li dan kellu fid-dar tieghu u fosthom kien hemm karta dwar ic-censiment tar-raba' u hu kien hadha l-isptar ghand Vella. Vella qallu biex jghaddiha lill-konvenut billi l-konvenut kellu raba' adjacenti u kien jaf fejn ghandu johodha. Bir-rispett kollu ghal-konkluzjoni tal-Ewwel Onorabbili Qorti, jigi rilevat li dwar dan l-konvenut ma xehed assolutament xejn. Dan l-incident ma jgib l-ebda prova li kien hemm titolu ta' qbiela fuq ir-raba' in kwistjoni. Ir-raba’ kien u baqa' registrat fuq Lorenzo Vella u l-provi prodotti juru illi meta giet moghtija l-formola lill-konvenut, il-konvenut kien qed jaghmila biss bhala *postman* biex iwassal il-karta fid-Dipartiment fejn kellha tasal u ghall-ebda skop iehor. Certament b'daqshekk ma jfissirx li kien hemm titolu ta' qbiela u juri biss illi dak iz-zmien kien hemm certu hbiberija bejn Vella u l-konvenut u xejn aktar.

vi. Illi *inoltre*, l-istess Vella kellu diversi proprjetajiet ohra u kien izomm *record* dettaljat dwar id-dhul li ghandu minn din il-proprjeta' u dan ir-registru gie ezebit u fih ma nsibu l-ebda referenza li l-proprjeta' in kwistjoni qatt kienet imqabbla lill-konvenut. Fi proprjetajiet ohra kien hemm informazzjoni dettaljata dwar il-qbiela tal-istess proprjeta' izda dwar il-proprjeta' mertu tal-kawza ma kienx hemm *record* li din qatt kienet imqabbla lill-konvenut.

vii. Illi li huwa relevanti wkoll huwa illi meta l-atturi odjerni kellmu lill-konvenut u talbuh biex jiehdu r-raba' lura, il-konvenut wegibhom "se tihduhieli biex ittuha lil haddiehor". Dan ma giex negat mill-konvenut. Huwa relevanti l-fatt illi dakinhar ma semmgha xejn li kellu titolu ta' qbiela. Kien <u>hafna wara</u> li kellem lill-atturi u saqsihom x'se jaghmel bil-qbiela u f’dak il-mument il-konvenuti wigbuh illi huma ma kienu jafu bl-ebda qbiela u li z-ziju qatt ma kien semmgha li kien ihallas lill-qbiela u lanqas ma sabu *record* ta’ dan. Wara dan, Alexander Lia (u mhux l-konvenut) ippresenta c-cedola ta’ depositu fuq

imsemmija. Jekk l-konvenut kien qed jivvantat titolu, kellu jippresenta c-cedola huwa stess.

viii. L-konvenut ma ipproduca l-ebda rcevuta. Huwa jghid li Lorenzo Vella ma riedx jaghmillu wahda. Jekk verament kien ihallas, il-konvenut kien fid-dritt li jezigi rcevuta u din kienet tkun l-ahjar prova. L-konvenut naqas li jgib din l-prova u ressaq biss prova verbali tieghu u tal-habib tieghu f'sitwazzjoni fejn huma jistghu jinventaw li jridu minghajr ma jigu kontradetti mid-defunt Lorenzo Vella. Huwa propju ghalhekk li r-registru ta' Vella jassumi daqshekk importanza ghaliex Vella, fejn kien hemm kirja, kien jnizzel. Tul hajtu qatt ma qal xejn dwar l-allegata qbiela lill-atturi.

Illi ghalhekk l-esponenti jissottomettu bir-rispett illi mill-provi kollha prodotti jidher car illi l-konvenut ma gabx provi sufficjenti biex juri illi huwa verament jiddetjeni l-proprjeta' in kwistjoni b'titolu ta' qbiela anzi, minn provi oggettivi u estranei jidher car u evidenti illi l-konvenut ma kellhu l-ebda titolu. Huwa ma pproduca l-ebda ricevuta. Fir-registru tal-mejjet Lorenzo Vella ma kien hemm l-ebda indikazzjoni dwar l-allegat titolu tal-konvenut u *inoltre*, mad-Dipartiment tal-Ghammieri l-proprjeta' kienet registrata bhala li qieghda f'idejn Lorenzo Vella bhala sid u l-bidwi u konsegwentement fid-dawl tal-premess jidher car illi l-konvenut ma rnexxielux igib provi sufficjenti in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li jaghmlu referenza ghall-provi kollha prodotti u jirrizervaw li jipproducu dawk il-provi ulterjuri lilhom permessi skont il-ligi, kompriz il-konvenut in subizzjoni, jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja s-sentenza appellata fuq imsemmija u dan billi tichad it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-atturi fil-mertu bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellat.

Rat in-nota tal-inkartament ta' dan il-kaz kif gie mdahhal fl-atti ta' din il-kawza fit-12 ta' Jannar 2009.

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut appellant Anthony Lia datata 12 ta’ Jannar 2009 a fol. 168 tal-process fejn espona bir-rispett:-

Illi s-sentenza appellata tal-10 ta' Dicembru 2008 hija gusta u skont il-ligi u timmerita li tigi konfermata.

Illi permezz tal-kawza odjerna l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat jizgombra mill-ghalqa imsejha "Tal-Kappillan" fil-limiti ta' Haz-Zabbar, ghaliex isostnu li qed jiddetjeni l-istess minghajr titolu validu fil-ligi.

Illi l-konvenut eccepixxa illi:-

1. Illi hemm karenza ta' interess guridiku fl-atturi in kwantu huma m'humiex is-sidien tal-ghalqa mertu tal-kawza odjenuru ghalhekk il-konvenut ghandu jigi liberal mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi l-pretensjoni tal-atturi li huma sidien m'hijiex bazata fuq titolu originali. Fid-dawl tal-karenza ta' titolu originali abbinat mal-kontestazzjoni dwar il-pretensjoni tad-dominju, l-atturi jridu qabel xejn jippruvaw l-estremi fit-termini tal-*actio rei vendicatoria* u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti m'hijiex komptetenti r*ationae materiae stante* li tali materja hi ta' kompetenza tal-Prim' Awla. Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tissoprasjedi sakemm l-*actio rei vendicatoria* talvolta intavolata mill-atturi tkun definittivament deciza.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess, din l-Onorabbli Qorti hija inkompetenti *rationae materiae* in kwantu l-konvenut qed jiddetjeni l-ghalqa *de quo* b'titolu validu skont il-ligi.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-konvenut qed jiddetjeni l-ghalqa *de quo* b'titolu validu fil-ligi.

Illi permezz ta' sentenza preliminari tat-3 ta' Mejjju 2005 gew michuda l-ewwel zewg eccezzjonijiet filwaqt li b'sentenza finali tal-10 ta' Dicembru 2008 l-Ewwel Qorti

ddecidiet li l-konvenut jiddetjeni l-ghalqa *de quo* b'titolu ta' qbiela u ghalhekk cahdet it-talbiet attrici filwaqt li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett tal-provi u tax-xhieda imressqa quddiemha *viva voce*. Jigi emfasizzat u sottolineat illi l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita' tisma' hi stess sew lill-partijiet kif ukoll lix-xhieda kollha minnhom prodotti u ghalhekk kellha wkoll il-vantagg li tista' taghmel apprezzament u evalwazzjoni tax-xhieda fuq il-pedana, vantagg dan li jiehu aktar importanza fejn ghandek sitwazzjoni ta' verzjonijiet tal-partijiet kontrastanti ghal xulxin.

Fir-rikors tal-appell taghhom l-atturi appellanti jaghmlu referenza ghall-fatt li l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi "iktar iva milli le" li l-konvenut kien qed jidditjeni l-proprjeta' b'titolu ta' qbiela. B'dan il-mod jippruvaw jaghtu l-impressjoni li l-konkluzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti ma hiex radikata solidament. Jonqsu pero' l-atturi li jiccitaw is-sentenza kompleta fejn hemm il-bran imsemmi. L-Ewwel Qorti qalet hekk : "....il-Qorti trid u ser tara, jekk <u>fuq bazi ta' probabilita` ossija, fi kliem aktar semplici "aktarx iva milli le"</u>, il-konvenut ipprova(x) *o meno* illi hu jiddetjeni l-ghalqa in kwistjoni b'titolu ta' kera." (sottolinear tal-Ewwel Qorti). Kuntrarju ghall-kamp kriminali, fil-kamp civili huwa ben risaput illi l-grad tal-prova rikjest biex iwassal ghal dak il-konvinciment morali necessarju f'mohh il-gudikant huwa "fuq bazi ta' probabbilta". Il-frazi "iktar iva milli le" hija precizament kliem aktar semplici ghall-frazi "fuq bazi ta' probabbilta`". Kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**" deciza fl-24 ta' Marzu 2004 :-

"Huwa pacifiku f materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:

Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u

Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "*actore non probante reus absolvitur*

Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta" u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.".

Kif gie dikjarat fis-sentenza "**George Bugeja vs Joseph Meilak**" moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003,:-

*"Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma.dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Kif tajjeb irrilevat u kkonkludiet l-Ewwel Qorti, ma hux kontestat li l-ghalqa *de quo* ilha tinhadem u f'idejn il-konvenut appellat sa mill-1990. Dwar dan l-Ewwel Qorti kienet kategorika *: "Ma hemm ebda dubju illi l-ghalqa qed tinhadem minnu (il-konvenut) u ilha hekk minn madwar l-1990".*

L-Ewwel Qorti accettat ix-xhieda tal-konvenut illi kien hemm ftehim verbali bejn l-istess konvenut appellat u Lorenzo Vella fis-sens illi l-konvenut kien ihallas kull sena bhala qbiela lil Lorenzo Vella s-somma ta' Lm40 *oltre* zewg kaxxi patata u zewg kaxxi basal. L-Ewwel Qorti iccitat b'mod estensiv ix-xhieda guramentata tal-konvenut appellat u jidher car illi accettat bhala veritier dak kollu li

xhed dwar il-hlas tal-qbiela u r-raguni ghaliex Lorenzo Vella ma riedx jirrilaxxja ricevuta.

Fil-fatt f’pagna 3 tas-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti issottolineat is-segwenti : *"is-sid ta' dik l-ghalqa kien siefer barra minn Malta u miet hemm. Kien qalli l-ghalqa ma hiex tieghu."* Fl-atti hemm bizzejjed provi biex wiehed jikkonkludi illi fil-fatt Lorenzo Vella ma kienx is-sid tal-ghalqa *de quo*.

Dan id-dettal huwa rifless fl-istess xhieda prodotta mill-atturi stess sew meta xhedu huma kif ukoll meta ressqu rapprezentant tal-Ghammieri. Fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2002 l-attrici Doris Attard Cassar in kontro-ezami xhedet illi minn ricerki li ghamlet ma rrizultalhiex il-kuntratt tal-akkwist li permezz tieghu suppost li Lorenzo Vella akkwista din l-ghalqa. Tghid hekk : *"Jiena ghamilt hafha ricerki sabiex nirrintracca l-kuntratt relattiv. Pero' ma sibt l-ebda kuntratt li ghalih kien jirreferi z-ziju Lorenzo Vella. Kont tlabtu wkoll lill-istess Pace O'Shea, pero' dan qalli li ma kellux dan il-kuntratt. Ir-ricerki ghamilnihom ghand Eureka Limited. Tawna ricerki ta' Lorenzo Vella".* Isegwi ghalhekk illi mhux biss fuq bazi ta' probabbilta' izda kwazi b'certezza, dak li xhed il-konvenut appellat illi Lorenzo Vella kien jghidlu li ma riedx johrog ricevuta tal-qbiela peress li ma kienx is-sid tal-ghalqa *de quo* ghandha mill-verita'.

Dettal iehor sinifikanti f’dan ir-rigward huma r-*records* tal-Ghammieri. L-appellanti fir-rikors tal-appell taghhom (senjatament l-ahhar pagna) jghidu hekk *"....mad-Dipartiment tal-Ghammieri l-proprjeta' kienet registrata bhala li qieghda f’idejn Lorenzo Vella bhala sid u l-bidwi....." Lanqas dan ma hu minnu. Lorenzo Vella kien is-sid ta' diversi proprjetajiet fosthom raba”.* Dan ikkonfermah ix-xhud Alfred Farrugia, rapprezentant tad-Direttur tal-Agrikoltura, prodott mill-atturi fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2003. Huwa jispjega illi fir-*records* tad-Dipartiment imsemmi, l-ghalqa in kwistjoni hija enumerata bin-numru 289. Jispjega b'mod car illi meta kienet registrata fuq Lorenzo Vella, l-istess Vella kien "registrat bhala bidwi" filwaqt li bhala sid kien indikat certu Joseph

M Pace (sottolinear tal-esponent). Mhux hekk ghalqa ohra fil-vicin bin-numru 319 : *"Fuq din il-bicca, fil-file hemm imnizzel li din kienet tappartjeni, bhala sid, lill-istess Lorenzo Vella"*, (sottolinear tal-esponent).

Ix-xhud Alfred Farrugia jikkonferma illi l-unika dokument li pprezentaw l-atturi lid-Dipartiment tal-Ghammieri biex jirregistraw l-ghalqa fuqhom kien biss it-testment ta' Lorenzo Vella. Jghid hekk : *"In rigward l-art 289,l-unika haga li hemm imnizzla hija 'owned property', pero' l-origini tat-titolu ma hux imnizzel. ............In rigward registrazzjoni, meta jkun kaz ta' detenzjoni ta' titolu b'cens, ahna xorta wahda nnizlu l-kelma 'owner'. L-istess isir meta fil-fatt il-bidwi huwa c-censwalist".*

Din ix-xhieda appena citata tikkonferma li anke mir-*records* tad-Dipartiment tal-Agrikoltura jidher car li Lorenzo Vella ma kienx la s-sid u lanqas ic-censwalist tal-ghalqa *de quo*.. Altrimenti wiehed kien jistenna li jkun indikat bhala sid u mhux biss bhala bidwi.

Ix-xhieda kollha *supra* citata turi bic-car ir-raguni ghaliex Lorenzo Vella ma kienx jirrilaxxja ricevuta tal-qbiela lill-konvenut appellat.

Rilevanti wkoll hija x-xhieda tal-istess attur appellant Carmel Zammit. Fl-affidavit tieghu jghid illi meta Lorenzo Vella zijuh kien l-isptar huwa kien imur id-dar tieghu jigborlu l-posta. Fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2007 huwa jghid illi kienu huwa u l-attrici biss li kienu jiehdu hsieb lil Lorenzo Vella meta kien l-Isptar, apparentement fit-tul: *"Konna jiena u l-attrici illi konna niehdu hsieb wahedna ta' Lorenzo Vella".* Ghalhekk jidher car li Carmel Zammit kien mhux biss imur spiss l-isptar hdejn Lorenzo Vella izda wkoll johodlu hsieb l-affarijiet personali tieghu tant li kien fdat bic-cwievet tad-dar ta' Lorenzo Vella. Jghid hekk fl-ewwel pagna tal-affidavit tieghu : *"Meta z-ziju kien l-isptar, kont nigbor il-posta jien u darba irceva formola tac-censiment tar-raba'. Tajtha liz-ziju li baghtni biha ghand Anthony Lia biex jitla' minfloku......"* Jispjega wkoll illi xi granet wara rega' kien hdejn zijuh l-isptar u gie l-konvenut

appellant fejn saqsa lil Lorenzo Vella x'kien ser jghidilhom lil tad-Dipartiment.

L-Ewwel Onorabbli Qorti, bir-ragun, tat piz notevoli lil din ix-xhieda tal-attur appellant in kwantu minnha jirrizulta bl-aktar mod car illi dwar l-ghalqa *de quo* Lorenzo Vella kien jirrikonoxxi lill-konvenut appellat. Hija fjakka r-raguni moghtija mill-attur fis-sens li Lorenzo Vella qaghad jibghat lill-attur ghand il-konvenut bil-formola tac-censiment tar-raba’ semplicement biex jgharraf lid-Dipartiment li huwa kien l-isptar, tenut kont tal-fatt li l-attur Carmel Zammit, *ex admissis*, kien qed johodlu hsieb ta' kollox. Proprju l-unika haga li ma qabbadx lill-attur izda lill-konvenut kienet tirrigwarda l-ghalqa *de quo*. Gustament l-Ewwel Qorti ikkonsidrat dan l-episodju bhala indizju car li Lorenzo Vella kien jirrikonoxxi lill-konvenut appellat bhala l-gabillot tal-ghalqa *de quo*.

Prova ohra li l-konvenut appellat kien ihallas qbiela lil Lorenzo Vella huwa x-xhud Grezzju Camilleri. Huwa spjega kif kien akkumpanja lill-konvenut xi tlieta jew erba' darbiet ghand Lorenzo Vella fejn kienu jinghataw is-somma ta' Lm40, u zewg kaxxi patata u zewg kaxxi basal. L-atturi appellanti fir-rikors taghhom isostnu li Grezzju Camilleri m'ghandux jitwemmen peress li fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2006 huwa jirreferi ghal Lorenzo Vella bhala Pacik. Fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2006 Grezzju Camilleri jispjega dan fis-sens illi lil Lorenzo Vella huwa ma kienx jafu b'ismu izda bil-laqam tieghu "ta' Pacik" u kien ghalhekk li kien isejjahlu Pacik u mhux Wenzu. Dwar fejn kien imur flimkien mal-konvenut biex ihallas il-qbiela ix-xhud Camilleri jaghti deskrizzjoni cara u dettaljata li ma thalli l-ebda dubju li huwa kien jakkumpanja lill-konvenut fid-dar ta' Lorenzo Vella li tinstab biswit l-ghalqa *de quo*.

*Stante* li l-aggravji tal-appellanti huma dwar l-apprezzament tal-fatti maghmula mill-Ewwel Qorti, issir referenza ghal gurisprudenza kostanti fis-sens illi f’materja ta' valutazzjoni ta' fatti mill-Ewwel Qorti, il-Qorti tat-Tieni Istanza ma tiddisturbax tali valutazzjoni u apprezzament jekk mhux ghal "ragunijiet eccezzjonali" (*vide* "**Phyllis**

**Ebejer et vs Joseph Aquilina**" App. 10/01/1995 -Vol 79 Part 2 Sez 1 pagna 248).

Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponent, filwaqt li jaghmel referenza ghall-provi prodotti u dawk producibbli skont il-ligi, jissottometti bir-rispett illi l-appell tal-atturi appellanti ghandu jigi respint bl-ispejjez kontra taghhom.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Philip Sciberras fejn meta ssejjah l-appell dehru l-partijiet. Deher ukoll Dr. Peter Borg Costanzi ghall-appellanti. Deher ukoll Dr. Robert Mangion ghall-appellat. Peress illi l-Imhallef hekk sedenti kien jippatrocinja lill-atturi meta kien ghadu fil-professjoni legali, il-Qorti kif hekk presjeduta wara li rat l-**artikolu 734 (d) tal-Kap 12** astjeniet milli jiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell u ordnat il-kancelliment tieghu minn fuq il-lista tal-appelli taghha u rrimandat il-process lir-Registratur biex dan jassenja lill-Imhallef minnu desinjat.

Rat is-surruga datata 13 ta' April 2009 mis-Sunjorija Tieghu l-Onorevoli Prim Imhallef Vincent De Geatano fejn dan l-appell gie assenjat lill-din il-Qorti kif komposta biex jigi trattat u deciz skont il-ligi.

Rat li dan l-appell gie appuntat minn din il-Qorti kif hekk illum presjeduta biex jinstema' fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2009.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti tad-19 ta' Mejju 2009 fejn meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet prezenti. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell giet differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Ottubru 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa appell interpost mill-atturi wara li l-Ewwel Qorti permezz tas-sentenza mghotija fl-10 ta’ Dicembru 2008 cahdet it-talbiet taghhom sabiex il-konvenut jigi ordnat jizgombra mill-ghalqa msejha tal-Kappillan fil-limiti ta’ Haz-Zabbar, liema ghalqa skont huma kienet qeghda tigi okkupata mill-konvenut minghajr ebda titolu validu skont il-ligi.

Illi l-appell tal-atturi appellanti huwa msejjes fuq aggravju wiehed u cioe` nuqqas ta’ apprezzament xieraq tal-fatti mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk permezz ta’ dan l-aggravju, din il-Qorti qeghda tintalab tqanqal l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. F’dan ir-rigward, irid jinghad illi sabiex din il-Qorti bhala Qorti ta’ revizjoni tvarja jew thassar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti, din ta’ l-ewwel trid tkun sodisfatta illi d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti giet ezercitata manifestament hazin. F’dan is-sens, il-Qrati taghna pronuncjaw ruhhom diversi drabi bhal fil-kawza bl-ismijiet **“Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited”** (A.C. - 4 ta’ Lulju 2008) fejn il-Qorti rriteniet illi:-

*“Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **“Phyllis Ebejer et vs Joseph Aquilina”** (A.C. – 10 ta’ Jannar 1995 – Vol. LXXIX.i.248) inghad li l-Qorti tal-Appell tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f’’kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta’ valutazzjoni ta’ fatti. Jinghad li tal-istess portata huma d-decizjonijiet **“Ruth Spiteri vs. Emmanuel Vella”** (A.I.C. – 5 ta’ Marzu 2003) u **“Hilda Debrincrat vs Mario Farrugia** (A.I.C. (Ghawdex) – 14 ta’ Lulju 2004); u **“Joseph Grech Sant vs L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et nomine”** (A.C. – 28 ta’ Frar 1997); u **“Hans Jocham Link et vs Raymond Mercieca”** (A.I. C. – 12 ta’ Jannar 2001).

Illi fil-fatt f'dan ir-rigward, fis-sentenza **"SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009) inghad li:-
"*gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (ara* ***"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"*** *(A.C. – 10 ta' Frar 1961);* ***"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"*** *(A.C. - 5 ta' Ottubru 2001);* ***"Carmelo Agius vs John Agius"*** *(A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994);* ***"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"*** *(A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement* ***"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"*** *(A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".*

Illi f'dan il-kaz, l-appellanti jilmentaw illi l-ewwel Qorti ddecidiet illi fuq bazi ta' probabbilta` il-konvenut kien fil-fatt jikri l-ghalqa in kwistjoni u jaghmlu riferenza ghal diversi provi li skont huma kellhom iwasslu sabiex tigi emmnuta t-tezi tal-appellanti fuq dik tal-appellat. Illi fuq kollox jidher li l-appell odjern huwa bbazat fuq l-allegazzjoni li Qorti ghamlet apprezemment hazin tal-provi, u dan anke skont l-appellanti manifestat mill-fatt li hija ddecidiet li *"iktar iva milli le"* il-konvenut kien qed jokkupa l-ghalqa *de quo* b'titolu ta' qbiela.

Illi mill-provi prodotti fil-fatt jirrizulta illi l-konvenut appellat fid-disghinijiet kien ftiehem maz-ziju ta' l-atturi appellanti, Wenzu Vella, biex jahdem din l-art. Jinghad li huwa sinifikanti, li effettivament mhux kontestat li l-istess konvenut kien jahdem l-ghalqa, kif qalet l-istess sentenza hawn appellata, minn madwar l-1990.

Illi jinghad u gie allegat mill-konvenut li sabiex jahdem l-ghalqa il-konvenut kellu jhallas lil dan Wenzu Vella, is-somma ta'  Lm40 fis-sena, u zewg kaxxi patata u zewg kaxxi basal. Il-konvenunt jixhed illi kien beda jhallas lil dan Wenzu Vella sa mill-1991 (fol. 26; fol. 40 *et seq*) u dan minkejja li l-istess Wenzu Vella kien stqarr mieghu illi huwa ma setghax johrog ricevuta tal-hlas peress illi huwa ma kienx is-sid. Din dejjem baqghet il-posizzjoni ta' Lorenzo Vella, li lanqas l-atturi ma ikkontestaw dwar it-titolu tieghu fuq l-istess raba' anke *in vista* tax-xhieda ta' Doris Attard Cassar li fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2002 qalet li ma sabet ebda kuntratt dwar l-istess fil-konfront taz-ziju taghha Lorenzo Vella, u dik ta' Alfred Farrugia, rappresentant tad-Direttur tal-Agrikoltura, li fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2003 spjega li l-art giet resgistrata fuq l-atturi wara li huma bhala titolu gabu it-testment tal-istess Lorenzo Vella fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Lia u xejn izjed.

Illi jigi rilevat li fuq dan il-punt u l-ewwel zewgt eccezzjonijiet tal-konvenut giet moghtija decizjoni mill-Ewwel Qorti fit-23 ta' Mejju 2005 fejn il-Qorti hemm iddecidiet li l-kawza li kellha quddiemha kienet dwar jekk il-konvenut kellux titolu personali fuq l-istess proprjeta, u ma kien bl-ebda mod qed ivanta ebda titolu ta' proprjeta' fuq l-istess ghalqa, u ghalhekk mxiet fuq il-konsiderazzjoni li l-ghalqa in kwistjoni *"tidher li tappartjeni lill-atturi almenu 'prima facie' u 'in piena proprieta'…* u ghalhekk cahdet l-ewwel zewgt eccezzjonijiet tal-konvenut. Jirrizulta li minn din is-sentenza tat-23 ta' Mejju 2005 ma sar l-ebda appell.

Illi konsegwenti ghal dan il-Qorti stabbilit li fuq l-istess bazi r-raba' kienet ghand Lorenzo Vella, u li l-istess ghaddiet ghand l-atturi konsegwenti ghat-testment datat 5 ta' Ottubru 2001 fl-atti tan-Nutar Joseph Lia, u l-atturi fdew ic-cens li kien jaggrava l-istess raba' permezz ta' cedola ta' fidi ta' cens datata 9 ta' Jannar 2001.

Illi jirrizulta li l-konvenut allega li huwa dejjem hallas lil dan Lorenzo Vella, u dan minkejja d-dubju li gie espress dwar it-titolu tieghu fuq l-istess art. Tali hlas gie kkonfermat u kkorroborat mix-xhieda tal-habib tal-konvenut, Grezzju Camilleri, li jixhed illi fil-fatt il-konvenut kien ihallas lil

Wenzu Vella Lm40 kif ukoll zewg kaxxi patata u zewg kaxxi basal fis-sena u illi huwa stess kien jghinu jgorr ghand dan Pacik (xhieda a fol. 86 tal-process).

Illi l-atturi appellanti ma qablux ma' dan ghaliex isostnu li l-ghalqa qatt ma kienet mqabbla lill-konvenut u dan peress illi l-qbiela ma tirrizultax li kienet registrata fir-registru li kien izomm iz-ziju taghhom Lorenzo Vella tal-kirjiet li kien jircievi ( ara xhieda ta' Carmel Zammit (fol. 94 *et seq.*) u xhieda ta' Doris Attard Cassar (fol. 114 *et seq.*)). Jghidu wkoll li fil-fatt l-istess raba' kienet registrata mad-Dipartiment tal-Agrikoltura fuq isem l-istess Lorenzo Vella, ghalkemm jirrizulta li ghad-differenza ta' raba' ohra registrata fuq ismu, din ir-raba' kienet hemm registrata fuqu bhala bidwi biss u mhux bhala sid (kif indikat ukoll mill-appellat fir-risposta tal-appell tieghu b'riferenza ghax-xhieda moghtija mir-rappresentant tal-istess Dipartiment).

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li huwa ovvju li fil-konsiderazzjonijiet taghha ghad-decizjoni minnha moghtija l-Ewwel Qorti hadet konjizzjoni ta' dan kollu (ara pagna 3 tas-sentenza) tant li accettat il-versjoni tal-konvenut li Lorenzo Vella qatt ma hareg ricevuta ta' qbiela favur il-konvenut ghaliex l-istess Vella kien sostna li l-ghalqa ma kenitx tieghu. Certament li jekk jigi accettat dan, din hija raguni iktar minn plawsibbli ghaliex ricevuti ta' qbiela ma inhargux mill-istess *decujus*, u dan iktar u iktar iwassal sabiex taghmel il-versjoni tal-konvenut aktar verosimili, meta jigi kkunsidrat dak li hemm fl-atti processwali dwar il-provenjenza tat-titolu tal-istess Lorenzo Vella fuq l-istess ghalqa. Din l-istanza wkoll tispjega ghaliex fuq ir-registri li jidher li kien qed izomm id-*decujus* tali hlas ma jirrizultax, pero' certament li fl-isfond tal-fattispecie tal-kaz, ma' jistax jinghad li ma giex ippruvat li dan il-hlas effettivament ma' kienx issir mill-konvenut lil Lorenzo Vella.

Illi jigi wkoll rilevat li fuq il-fatt tal-hlas li sar mill-konvenut lil Lorenzo Vella sabiex jahdem l-istess ghalqa hemm ix-xhieda wkoll ta' Grezzju Camilleri li jghid bl-iktar mod kategoriku li huwa kien akkumpanja lill-konvenut meta dan kien mar biex ihallas lil Lorenzo Vella (li huwa jsejjah

Pacik) l-ammont ta’ Lm40 u zewg kaxxi (2) patata u basal, u dan jirrizulta kemm mix-xhieda tieghu tal-1 ta’ Marzu 2006 u 10 ta’ Mejju 2006.

Illi jinghad ukoll li relevanti ghall-pendenza odjerna li skont ix-xhieda tal-attur Carmel Zammit stess huwa jistqarr illi z-ziju tieghu Lorenzo Vella, waqt li kien l-isptar, kien ircieva korrispondenza rigward censiment tar-raba’, liema korrispondenza huwa kien talbu biex jghaddhiha proprju lill-konvenut Anthony Lia (xhieda in kontro-ezami a fol. 157 *et seq*.). Jidher ghalhekk illi din ix-xhieda, minkejja illi l-istess Carmel Zammit isostni illi z-ziju tieghu kien talbu biex jghaddi din il-korrispondenza unikament sabiex il-konvenut jinforma lill-awtorijatijiet li Lorenzo Vella kien l-isptar, tidher illi ghenet lill-Ewwel Qorti sabiex tasal ghal konvinciment morali illi fil-fatt l-ghalqa in kwistjoni kienet mikrija lill-konvenut Anthony Lia. Fl-opinjoni ta’ din il-Qorti *in vista* tal-fattispecie kollha tal-kaz, jirrizulta li dan kien korrett, peress li jirrizulta li Carmel Zammit kien jiehu hsieb lil Lorenzo Vella qabel ma’ miet, u allura hija iktar minn versosimili l-versjoni tal-konvenut li tali formoli ta’ censiment dwar l-istess raba’ gew moghddija mid-*decujus tramite* l-attur Carmel Zammit lill-konvenut, proprju ghaliex l-istess konvenut kien qed jahdem r-raba’ *de quo.* Dan irendi l-versjoni tal-konvenut iktar kredibbli u versomili u dan huwa sinfikanti in vista tal-fatt li llum huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li l-verosimiljanza hija forma ta’ korroborazzjoni **(“George Bugeja vs Joseph Meilak”** (P.A. (TM) – 30 ta’ Ottubru 2003).

Illi ghalhekk jidher li fuq dawn il-provi mressqa l-Ewwel Qorti, fuq bazi ta’ probabbilta`, ikkonkludiet illi fil-fatt il-konvenut kellu titolu ta’ kera fuq ir-raba’ mertu tal-kawza. Din il-Qorti fid-dawl ta’ dan kollu ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba l-apprezzament illi ghamlet l-ewwel Qorti u dan anke ghaliex kienet l-Ewwel Qorti illi kellha l-opportunita` illi tisma’ x-xhieda *viva voce* u tevalwa x-xhieda mressqa. Dan ukoll fid-dawl tal-principju illi fil-kamp civili u kif osserva tajjeb il-konvenut appellat, huwa bizzejjed illi l-Qorti tiddeciedi fuq bazi ta’ probabilita`, ghal kuntrarju tal-kamp kriminali, fejn huwa bizzejjed li jkun hemm certezza f’mohh il-gudikant fuq bazi ta’ probabilita`. Illi fil-fatt dan

huwa wiehed mill-kazijiet fejn din il-Qorti ta’ Revizjoni ma ghandhiex – bla raguni gravi u impellenti – tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti skont kif deciz fis-sentenza **“John Grech Sant *nomine* vs L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia”** (A.C. – 28 ta’ Frar 2007).

Illi f’dan is-sens, fost ohrajn hija s-sentenza fl-ismijiet **“Ruggier Holdings Company Limited vs Alfred Zammit”** (A.I.C (PS) – 27 ta’ Frar 2009) li trattat dan il-punt fejn il-pern tal-kawza kien proprju zgumbrament fuq bazi ta’ nuqqas ta’ titolu u fejn il-konvenut sostna illi kellu titolu ta’ kera fuq ir-raba’ u r-razzett in kwistjoni u fejn inghad li:-

*“Fil-fehma ta’ din il-Qorti l-preponderanza tal-probalitajiet kif tohrog minn dawn il-provi ma setghetx ma kenitx imwiezna mill-ewwel Qorti. ……Frankament, din il-Qorti ta’ revizjoni ma ssib xejn x’jgeghla tiddisturba l-apprezzament ta’ l-ewwel Qorti, sorretta kif inhi minn dik ir-regola razzjonali f’materja ta’ provi illi l-fatt hu sufficjentement provat meta l-gudikant ikun akkwista mill-provi fornuti fil-gudizzju c-certezza morali tal-verita’ tal-fatti bazata fuq din il-preponderanza tal-probabilitajiet. Ara, b’illustrazzjoni, in subjecta materia id-decizjonijiet tal-Qorti tal-Appell, sede kummercjali, fl-ismijiet **“Eucaristico Zammit vs Eustrachio Petrococchino nomine”** 25 ta’ Frar 1952 u **“Diana Harvey nomine vs Concetta Attard”,** 11 ta’ Gunju 1968”.*

Illi fis-sentenza **“Paul Vassallo vs Carmelo Pace”** (A.C. - 5 ta’ Marzu 1986) saru dawn il-kunsiderazzjonijiet fuq dan il-punt fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet:-

*“Il-Qrati taghna ... fuq l-iskorta ta’ awturi Inglizi eminenti, jaghmlu distinzjoni bejn il-prova li jehtieg li ssir f’kawza kriminali u l-prova li ghandha ssir f’kawza civili fis-sens illi filwaqt illi f’kawza kriminali l-htija ta’ l-akkuzat trid tigi ppruvata “beyond reasonable doubt”, f’kawza civili bizzejjed illi jkun hemm “moral certainty”, certezza morali, f’mohh il-gudikant izda mhux bizzejjed illi jkun hemm “a mere possibility”.*

Illi din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati u fuq l-inferenzi li naturalment jew probabbilment jemergu minn dawn il-fatti. Ic-certezza morali, rikjesta f'kawzi civili, hija l-effett tal-*"balance of probabilities".*

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati f'diversi kawzi u fost ohrajn dik fl-ismijiet **"Frank Medici Giordmaina vs William Rizzo et"** (P.A. (N.C.) – 28 ta' April 2004); **"George Bugeja vs Joseph Meilak"** (P.A. (T.M.) – 30 ta' Ottubru2003); u **"Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma vs John Mary Caruana"** (Q.M. (CSH) – 20 ta' Mejju 2009).

Illi ghalhekk, ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti thoss illi m'ghandhiex tibdel l-apprezzament illi sar mill-ewwel Qorti u di konsegwenza ma hijiex tal-fehma illi ghandha b'xi mod tvarja jew thassar il-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, anzi mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament l-istess ghalqa kienet ilha tinhadem mill-konvenut minn madwar is-sena 1990, li kien hemm ftehim verbali bejn il-konvenut u Lorenzo Vella sabiex il-konvenut ihallsu l-ammont ta' Lm40 fis-sena, u zewg kaxxi patata u zewg kaxxi basal, u li fil-fatt hekk sar, u jidher li dan kien rikonoxxut mill-istess Lorenzo Vella anke mill-fatt li meta dan ircieva d-dokumenti ta' censiment, huwa *tramite* l-attur Carmel Zammit, baghat l-istess dokumenti lill-konvenut, u dan skont l-Ewwel Qorti, jikkonferma l-fatt li tali ftehim ta' lokazzjoni kien effettivament jezisti. Ma hemm l-ebda dubju li fuq il-provi prodotti quddiemha, u li hija semghet, li din kienet konkluzjoni li l-Ewwel Qorti setghet tasal ghaliha, u fil-verita' l-istess decizjoni hija ben motivata u ghalhekk din il-Qorti thoss li ma hemmx bazi ghaliex hija ghandha tiddisturba l-apprezzament li l-Ewwel Qorti ghamlet tal-provi mismugha quddiemha u ghalhekk l-aggravji tal-appellanti qed jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appell tal-

appellat Anthony Lia datata 12 ta’ Jannar 2009 u dan in kwantu l-istess hija kompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost tal-appellanti permezz tar-rikors tal-appell tal-appellanti Carmel Zammit u Doris Attard Cassar datat 18 ta’ Dicembru 2008** *stante* li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, b’dan li qed tigi kkonfermata s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi **“Carmel u Doris Attard Cassar vs Anthony Lia”** datata 10 ta’ Dicembru 2008 (Avviz Numru 913/01/JAB).

Bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-atturi appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------